31980R3448

L 359/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1980

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3448/80

tat-22 ta' Diċembru 1980

dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 43 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1979, dwar is-sistema tal-kummerċ applikabbli għall-merkanzija koperta bir-Regolamenti (KEE) Nru 3033/80 u (KEE) Nru 3035/80

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1979, u partikolarment l-Artikoli 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Artikolu 43 ta' l-Att jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw il-prodotti agrikoli pproċessati 'l barra mill-Anness II tat-Trattat li huma koperti bir-Regolamenti tal-Kunsill li ġejjin:

— (KEE) Nru 3033/80 tad-29 ta' Novembru 1980 li jistabbilixxi s-sistema tal-kummerċ applikabbli għal ċerti prodotti pproċessati mill-prodotti agrikoli [1], u

— (KEE) Nru 3035/80 tad-29 ta' Novembru 1980 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali biex jingħataw ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq ċerti prodotti agrikoli esportati f'forma ta' oġġetti mhux koperti mill-Anness II tat-Trattat u l-kriterji biex ikunu stabbiliti l-ammonti tat-tali rifużjonijiet [2];

Billi, ir-Regolament (KEE) Nru 3033/80 jikkonċerna partikolarment id-determinazzjoni tal-ħlas applikabbli meta l-oġġetti f'dan il-każ huma importati, liema ħlas huwa magħmul minn dazju *ad valorum* li jikkostitwixxi l-komponent fiss u minn komponent varjabbli; billi, huwa meħtieġ li tkun stabbilita r-rata tad-dazju tad-dwana li tikkostitwixxi l-komponent fiss applikabbli mir-Repubblika Ellenika fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi; billi, dan il-komponent fiss irid ikun stabbilit, skond l-Artikolu 43 (3) ta' l-Att, bl-esklużjoni mill-protezzjoni totali applikat mir-Repubblika Ellenika fid-data ta' l-Adeżjoni l-protezzjoni agrikola li għandha tkun introdotta ma' l-Adeżjoni;

Billi, skond l-Artikolu 15 tal-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Greċja teżisti għal ċerti oġġetti koperti bir-Regolament (KEE) Nru 3033/80 dazju residwali tad-dwana fuq l-importazzjoni fir-Repubblika Ellenika mill-Komunità tad-Disgħa; billi, dawn id-dazji tad-dwana għandhom jibqgħu ma' l-Adeżjoni u jitneħħew skond l-iskeda taż-żmien stabbilita għall-prodotti industrijali fl-Artikolu 25 ta' l-Att;

Billi l-komponent varjabbli applikabbli meta l-oġġetti koperti bir-Regolament (KEE) Nru 3033/80 huma importati fir-Repubblika Ellenika minn pajjiżi terzi huwa skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 43 (1) ta' l-Att, miżjud jew imnaqqas, skond il-każ, b'ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni; billi, ma' l-importazzjoni fil-Komunità tad-Disgħa mir-Repubblika Ellenika l-istess ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni huwa applikat għall-istess oġġetti; billi l-ammont ta' kumpens applikat għal ċerti oġġetti importati fil-Komunità tad-Disgħa u mogħtija tnaqqis fil-komponent varjabbli qabel l-Adeżjoni għandu jkun suġġett għal-livell massimu;

Billi, skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3033/80 il-Kummissjoni tistabbilixxi għal perjodi ta' tliet xhur u għall-merkanzija kollha l-ammont tal-komponent varjabbli applikabbli fuq l-importazzjoni fil-Komunità minn pajjiżi terzi; billi l-istess proċedura tapplika bl-istess perjodiċità biex ikunu stabbiliti l-ammonti ta' kumpens applikabbli fuq l-importazzjoni;

Billi ma' l-esportazzjoni mill-Komunità tad-Disgħa lejn ir-Repubblika Ellenika ta' l-oġġetti koperti bir-Regolament (KEE) Nru 3035/80 — bl-eċċezzjoni ta' l-albumina — ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni, stabbilit skond it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 43 (1) ta' l-Att jingħata jew ikun dovut skond xi jkun il-każ; billi, ma' l-esportazzjoni ta' l-oġġetti kollha koperti bir-Regolament (KEE) Nru 3035/80 mir-Repubblika Ellenik lejn pajjiżi terzi l-istess ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni huwa applikat;

Billi, skond l-Artikolu 43 (4) ta' l-Att, ir-Repubblika Ellenika fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi għall-prodotti kollha koperti minn dan ir-Regolament għandha tapplika fis-shih in-nomenklatura tat-Tariffi Komuni Doganali sa l-1 ta' Jannar 1981; billi dan mhux meħtieġ fl-applikazzjoni tad-dazji residwali tad-dwana fuq l-importazzjoni mill-Komunità tad-Disgħa; billi dan l-obbligu jinvolvi l-applikazzjoni ta' komponent stabbli wieħed biss għall kull waħda mill-ispeċifikazzjonijiet tat-Tariffi Komuni Doganali fuq l-importazzjoni lejn dan l-Istat Membru minn pajjiżi terzi;

[1] ĠU L 323, 29.11.1980, p. 1.
[2] ĠU L 323, 29.11.1980, p. 27.

Billi l-piżijiet li għandhom ikunu applikati ma' l-Adeżjoni tal-Komunità tad-Disgħa għall-importazzjoni tal-merkanzija koperta bir-Regolament (KEE) Nru 3033/80 mir-Repubblika Ellenika tikkonsisti biss minn ammont ta' kumpensatorju ta' l-Adeżjoni; billi għalhekk id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 61, il-paragrafu 5 ta' l-Att jitħares meta dan l-ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni ma jeċċedix il-komponent varjabbli applikat għall-istess merkanzija ma' l-importazzjoni fil-Komunità tad-Disgħa minn pajjiżi terzi;

Billi l-imposti netti totali fuq il-kummerċ lejn ir-Repubblika Ellenika mill-Komunità tad-Disgħa hija s-somma tal-protezzjoni residwa Ellenika u l-ammont tal-kumpens ta' l-Adeżjoni applikat fuq l-esportazzjoni mill-Komunità tad-Disgħa skond ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 43 (1) ta' l-Att; billi, għalhekk id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 26 ta' l-Att jitħares jekk il-protezzjoni residwa Ellenika fuq l-importazzjoni mill-Komunità tad-Disgħa, aġġustata bl-ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni applikat fuq l-esportazzjoni mill-Komunità tad-Disgħa lejn ir-Repubblika Ellenika, ma jeċċedix l-imposti li dan l-Istat Membri jista' jimponi fuq l-istess merkanzija minn pajjiżi terzi;

Billi, huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti, minħabba l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 3033/80 id-disposizzjonijiet għall-applikazzjoni mir-Repubblika Ellenika d-dazji massimi li hemm provvediment dwarhom fit-Tariffa Doganali Komuni;

Billi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1547/79 [2], u fl-Artikolu korrispondenti f'Regolamenti oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

— "Komunità tad-Disgħa" tfisser il-Komunità kif kostitwita qabel l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika;

— "Ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni", tfisser l-ammonti ta' kumpens applikabbli fil-kummerċ bejn il-Komunità tad-Disgħa u r-Repubblika Ellenika u bejn dan l-Istat Membru u pajjiżi terzi.

2. L-ammonti ta' kumpens ta' l-Adeżjoni għall-prodotti koperti b'dan ir-Regolament għandhom ikunu stabbiliti u applikati meta l-ammonti ta' kumpens ta' l-Adeżjoni huma applikati fuq wieħed jew aktar prodotti bażiċi meqjusa li ntużaw fil-manifattura tal-prodotti koperti bir-Regolament (KEE) Nru 3033/80.

Artikolu 2

Għal kull wieħed mill-intestaturi u subintestaturi tat-Tariffa Doganali Komuni dwar il-merkanzija koperta bir-Regolament (KEE) Nru 3033/80 ir-rata tad-dazju doganali li tikkostitwixxi l-komponent fiss ta' l-imposti applikabbli ma' l-Adeżjoni fuq l-importazzjoni ta' din il-merkanzija fir-Repubblika Ellenika minn pajjiżi terzi, għandha tkun dik speċifikata fil-kolonna 1 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Ir-rata murija fil-kolonna 1 ta' l-Anness I għandha tkun allinjata mat-Tariffa Doganali Komuni skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 31 ta' l-Att.

L-ewwel pass lejn l-allinjament għandu jsir fl-1 ta' Jannar 1981.

Artikolu 3

Għall-merkanzija koperta bir-Regolament (KEE) Nru 3033/80 li hija suġġetta għad-dazju residwu fuq l-importazzjoni lejn ir-Repubblika Ellenika mill-Komunità tad-Disgħa r-rata ta' din il-protezzjoni applikabbli ma' l-Adeżjoni għandha tkun dik speċifikata fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Ir-rati murija fl-Anness II għandhom ikunu aboliti skond l-iskeda taż-żmien stabbilita fl-Artikolu 25 ta' l-Att.

L-ewwel pass lejn l-allinjament għandu jsir fl-1 ta' Jannar 1981.

L-ammont ta' dan id-dazju residwu mnaqqas bl-ammont tal-kumpens ta' l-Adeżjoni mogħti, jew miżjud bl-ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni impost skond it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 43 (1) ta' l-Att m'għandux jeċċedi l-ammont totali ta' l-imposti applikabbli mir-Repubblika Ellenika fuq l-istess merkanzija li kieku kienu importati minn pajjiżi terzi.

[1] ĠU L 281, 1.11.1975, p. 1.
[2] ĠU L 188, 26.7.1979, p. 1.

Artikolu 4

1. Il-Kummissjoni għandha, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Jannar 1981 u minn hemm 'il quddiem għal kull perjodu ta' tliet xhur li jibdew fl-1 ta' Frar, l-1 ta' Mejju, l-1 t'Awissu u l-1 ta' Novembru għal kull waħda mill-intestaturi u s-subintestaturi fit-Tariffa Doganali Komuni dwar merkanzija koperta bir-Regolament (KEE) Nru 3033/80, tiddetermina:

(a) l-ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni applikabbli għall-importazzjoni lejn il-Komunità tad-Disgħa mir-Repubblika Ellenika;

(b) l-ammont tal-komponent varjabbli aġġustat bl-ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni msemmi taħt (a) kif riferut fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 43 (1) ta' l-Att u applikabbli fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi lejn ir-Repubblika Ellenika.

2. Kull wieħed mill-ammonti ta' kumpens ta' l-Adeżjoni riferuti fil-paragrafu 1 (a) għandu jkun daqs is-somma ta' l-ammonti ta' kumpens ta' l-Adeżjoni applikabbli għall-kwantitajiet tal-prodotti bażiċi differenti li, skond id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3034/80 huma meqjusa li ntużaw fil-manifattura tal-merkanzija li għalihom japplika dan l-ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni.

L-ammonti ta' kumpens ta' l-Adeżjoni m'għandhomx jeċċedu l-komponent varjabbli applikat għall-istess merkanzija ma' l-importazzjoni lejn il-Komunità tad-Disgħa minn pajjiżi terzi.

B'dana kollu, għall-merkanzija li ġejja:

EX 17.04 Lakumja, halva

19.03 Mqarrun, spagetti u prodotti simili

EX 21.07 Preparazzjonijiet ta' l-ikel mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor, li fihom iz-zokkor, il-prodotti tal-ħalib, iċ-ċereali jew il-prodotti bbażati fuq iċ-ċereali

l-ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni ma jistax jeċċedi s-60% tal-komponent varjabbli applikabbli għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi.

3. L-ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni kkalkolat hekk għandu jkun stabbilit għal żero meta l-ammont tiegħu huwa anqas minn 1,5 ECU għal kull 100 kilogramma ta' merkanzija.

4. L-ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni applikabbli huwa dak fis-seħħ fil-jum ta' l-importazzjoni.

Artikolu 5

1. Għal kull waħda mill-intestaturi u s-subintestaturi fit-Tariffa Doganali Komuni dwar il-merkanzija koperta bir-Regolament (KEE) Nru 3035/80

— bl-eċċezzjoni tas-subintestatura Nru 35.02 A II a), ovalbumina u laktalbumina, fuq l-esportazzjoni mill-Komunità tad-Disgħa lejn ir-Repubblika Ellenika għandu jkun applikat ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni;

— fuq l-esportazzjoni mir-Repubblika Ellenika lejn pajjiżi terzi għandu jkun applikat ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni.

2. Kull wieħed mill-ammonti ta' kumpens ta' l-Adeżjoni riferuti fil-paragrafu 1 għandu jkun stabbilit fuq il-bażi ta' l-ammonti ta' kumpens ta' l-Adeżjoni stabbiliti fuq il-prodotti agrikoli bażiċi u skond ir-regoli applikabbli għall-kalkolazzjoni tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni.

3. L-ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni applikabbli huwa dak fis-seħħ fil-jum ta' l-esportazzjoni.

Artikolu 6

1. Għall-prodotti li dwarhom it-Tariffa Doganali Komuni tipprovdi għal imposti massimi, ir-Repubblika Ellenika għandha tapplika fuq pajjiżi terzi imposti massimi magħmula minn:

(a) sa kemm il-parti fissa ta' l-imposti massimi hija kkonċernata r-rata murija fil-kolonna 2 ta' l-Anness I allinjata mal-livell tal-massimu komuni skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 31 ta' l-Att. L-ewwel pass lejn l-allinjament għandu jsir fl-1 ta' Jannar 1981;

(b) sa kemm il-parti varjabbli ta' l-imposti massimi hija kkonċernata fejn applikabbli, id-dazju addizzjonali li hemm provvediment dwaru fl-Artikolu 8 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 3033/80 aġġustat bl-ammont ta' kumpens ta' l-Adeżjoni li jikkorrispondi mal-kwantità taz-zokkor jew tad-dqiq li għalih japplika d-dazju addizzjonali.

2. Għall-iskopijiet biex ikunu applikati d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 3033/80 għall-merkanzija importata minn pajjiżi terzi lejn ir-Repubblika Ellenika, il-Kummissjoni għandha, għall-perjodi mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Jannar 1981 u 'l quddiem għal kull perjodu ta' tliet xhur li jibdew mill-1 ta' Frar, l-1 ta' Mejju, l-1 t'Awissu u l-1 ta' Novembru, tiddetermina dan li ġej:

(a) l-ammonti tad-dazji addizzjonali li għandhom ikunu applikati mir-Repubblika Ellenika;

(b) id-differenza fil-prezz riferuta fl-Artikolu 8 (2) (a) tar-Regolament (KEE) Nru 3033/80.

Artikolu 7

Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-ammonti ta' kumpens ta' l-Adeżjoni fil-waqt ta' l-importazzjoni jew ta' l-esportazzjoni u tal-pagamenti tagħhom għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75 jew fl-Artikoli li jikkorrispondu f'Regolamenti oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1981.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-22 ta' Diċembru 1980.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SANTER

ANNESS I

Ir-rata tal-komponenti fissi riferuta fl-Artikolu 2 u l-parti fissa tal-piżijiet massimi riferuta fl-Artikolu 6

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I	Kolonna II
		Rata ta' komponent fiss	Il-parti fissa ta' l-impost massimu
17.04	Konfezzjoni taz-zokkor, li ma fihomx kawkaw:		
	B. *Chewing gum* li fih bħala piż ta' sukrosju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	I. Anqas minn 60 %	41 %	41 %
	II. 60 % jew aktar	41 %	41 %
	Ċ. Ċikkulata bajda	41 %	41 %
	D. Oħrajn:		
	I. Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew fihom anqas minn 1,5 % bħala piż ta' dawn ix-xaħmijiet		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew fih anqas minn 5 % bħala piż tas-sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	50 %	55 %
	(b) Li fihom bħala piż ta' sukrosju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. 5 %, jew aktar iżda anqas minn 30 %	50 %	55 %
	2. 30 % jew aktar iżda anqas minn 40 %	50 %	55 %
	3. 40 % jew aktar iżda anqas minn 50 %		
	(aa) Li ma fihomx lamtu	50 %	55 %
	(bb) Oħrajn	50 %	55 %
	4. 50 % jew aktar iżda anqas minn 60 %	50 %	55 %
	5. 60 % jew aktar iżda anqas minn 70 %	50 %	55 %
	6. 70 % jew aktar iżda anqas minn 80 %	50 %	55 %
	7. 80 % jew aktar iżda anqas minn 90 %	50 %	55 %
	8. 90 % jew aktar	50 %	55 %

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I Rata ta' komponent fiss	Kolonna II Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	II. Oħrajn:		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew fihom anqas minn 5 % bħala piż tas-sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	50 %	55 %
	(b) Li fihom bħala piż ta' sukrosju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. 5 % jew aktar iżda anqas minn 30 %	50 %	55 %
	2. 30 % jew aktar iżda anqas minn 50 %	50 %	55 %
	3. 50 % jew aktar iżda anqas minn 70 %	50 %	55 %
	4. 70 % jew aktar	50 %	55 %
18.06	Ċikkulata jew preparazzjonijiet oħra ta' l-ikel li fihom il-kawkaw:		
	A. Trab tal-kakaw, mhux magħmul ħelu għajr bl-addizzjoni tal-sukrosju, li fih bħala piż tas-sukrosju:		
	I. Anqas minn 65 %	10 %	—
	II. 65 % jew aktar iżda anqas minn 80 %	10 %	—
	III. 80 % jew aktar	10 %	—
	B. Ġelat (ma jinkludix it-trab tal-ġelat) u silġ ieħor		
	I. Li ma fihx xaħmijiet tal-ħalib u fih anqas minn 3 % bħala piż tat-tali xaħmijiet	20 %	30 %
	II. Li fih bħala piż tax-xaħmijiet tal-ħalib:		
	(a) 3 % jew aktar iżda anqas minn 7 %	20 %	30 %
	(b) 7 % jew aktar	20 %	30 %
	Ċ. Ċikkulata u oġġetti taċ-ċikkulata, kemm mimlija jew le; konfezzjoni taz-zokkor u sostituti li jsiru mill-prodotti sostituti taz-zokkor, li fihom il-kawkaw:		
	I. Li ma fihomx sukrosju jew fihom anqas minn 5 % bħala piż tas-sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	45 %	50 %

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I Rata ta' komponent fiss	Kolonna II Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	II. Oħrajn:		
	(a) Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew li fihom anqas minn 1,5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet u li fihom bħala piż tas-sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Anqas minn 50 %	45 %	50 %
	2. 50 % jew aktar	45 %	50 %
	(b) Li fihom bħala piż tax-xaħmijiet:		
	1. 1,5 % jew aktar iżda anqas minn 3 %	45 %	50 %
	2. 3 % jew aktar iżda anqas minn 4,5 %	45 %	50 %
	3. 4,5 % jew aktar iżda anqas minn 6 %	45 %	50 %
	4. 6 % jew aktar	45 %	50 %
	D. Oħrajn:		
	I. Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew li fihom anqas minn 1,5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet:		
	(a) F'ippakkjar immedjat b'kapaċit netta ta' 500 g jew anqas	12 %	27 %
	(b) Oħrajn	22,3 % [a]	—
	II. Li fihom bħala piż tax-xaħmijiet tal-ħalib:		
	(a) 1,5 % jew aktar iżda anqas minn 6,5 %		
	1. F'ippakkjar immedjat b'kapaċit netta ta' 500 g jew anqas	12 %	27 %
	2. Oħrajn	22,3 % [a]	—
	(b) Aktar minn 6,5 % iżda anqas minn 26 %:		
	1. F'ippakkjar immedjat b'kapaċit netta ta' 500 g jew anqas	12 %	—
	2. Oħrajn	22,3 % [a]	—

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I Rata ta' komponent fiss	Kolonna II Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	(ċ) 26 % jew aktar:		
	1. F'ippakkjar immedjat b'kapaċit netta ta' 500 g jew anqas	12 %	—
	2. Oħrajn	22,3 % [a]	—
19.02	Estratt tax-xgħir; preparazzjoni tad-dqiq, lamtu tal-qalba tal-qmuħ jew estratt tax-xgħir, tat-tip użat bħala ikel tat-trabi jew għal skopijiet ta' dieta jew tat-tisjir, li fih anqas minn 50 % bħala piż tal-kawkaw:		
	A. Estratt tax-xgħir:		
	I. B'kontenut ta' estratt niexef ta' 90 % jew aktar bħala piż	8 %	—
	II. Oħrajn	8 %	—
	B. Oħrajn:		
	I. Li fihom estratt tax-xgħir u mhux anqas minn 30 % bħala piż taz-zokkor imnaqqas (espress bħala *maltose*)	11 %	—
	II. Oħrajn:		
	(a) Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew fihom anqas minn 1,5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet		
	1. Li fihom anqas minn 14 % bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) Li ma fihomx sukrosju jew fihom anqas minn 5 % bħala piż tas-sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	11 %	—
	(bb) Li fihom bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	11. 5 % jew aktar iżda anqas minn 60 % ..	11 %	—
	22. 60 % jew aktar	11 %	—
	2. Li fihom 14 % jew aktar iżda anqas minn 32 % bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) Li ma fihomx sukrosju jew li fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	11 %	—
	(bb) Oħrajn	11 %	—

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I Rata ta' komponent fiss	Kolonna II Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	3. Li fihom 32 % jew aktar iżda anqas minn 45 % bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) Li ma fihomx sukrosju jew li fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	11 %	—
	(bb) Oħrajn	11 %	—
	4. Li fihom 45 % jew aktar iżda anqas minn 65 % bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) Li ma fihomx sukrosju jew li fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	11 %	—
	(bb) Oħrajn	11 %	—
	5. Li fihom 65 % jew aktar iżda anqas minn 80 % bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) Li ma fihomx sukrosju jew li fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	11 %	—
	(bb) Oħrajn	11 %	—
	6. Li fihom 80 % jew aktar iżda anqas minn 85 % bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) Li ma fihomx sukrosju jew li fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	11 %	—
	(bb) Oħrajn	11 %	—
	7. Li fihom 85 % jew aktar bħala piż ta' lamtu:	11 %	—
	(b) Li fihom bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		
	1. 1,5 % jew aktar iżda anqas minn 5 %	11 %	—
	2. 5 % jew aktar	11 %	—
19.03	Mqarrun, spagetti u prodotti simili:		
	A. Li fihom il-bajd	12 %	—
	B. Oħrajn:		
	I. Li ma fihomx dqiq tal-qamħ komuni jew	12 %	—
	II. Oħrajn	12 %	—

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I	Kolonna II
		Rata ta' komponent fiss	Il-parti fissa ta' l-impost massimu
19.04	Tapjoka u sagu; sostituti tat-tapjoka u tas-sagu miġjuba mill-patata jew lamti oħra.....	10 %	—
19.05	Ikel ippreparat li jinkiseb mit-tinfiħ jew ix-xiwi taċ-ċereali jew tal-prodotti taċ-ċereali (ross minfuħ, corn flakes u prodotti simili):		
	A. Miksub mill-qamħirrum	24,8 %	—
	B. Miksub mir-ross	24,8 %	—
	Ċ. Oħrajn	24,8 %	—
19.07	Ħobż, gallettini tal-vapuri u affarijiet oħra tal-furnara, li ma fihomx żida ta' zokkor, għasel, bajd, xaħmijiet, ġobon jew frott; ostji tat-tqarbin, cachets ta' tip li huwa tajjeb għall-użu farmaċewtiku, ostji tas-siġillar, karti tar-ross u prodotti simili		
	A. Ħobż imqarqaċ	9 %	24 %
	B. *Matzos*	6 %	20 %
	Ċ. Ostji tat-tqarbin, *cachets* ta' tip tajjeb għall-użu farmaċewtiku, ostji tas-siġillar, karti tar-ross u prodotti simili	7 %	—
	D. Oħrajn, li fihom bħala piż ta' lamtu:		
	I. Anqas minn 50 %	14 %	—
	II. 50 % jew aktar	14 %	—
19.08	Ħlewwiet, gallettini, pasti jew affarijiet oħra fini tal-furnar, kemm jekk fihom il-kawkaw jew le f'kull proporzjoni:		
	A. Ħobs tal-ġinġer u affarijiet simili, li fihom bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	I. Anqas minn 30 %	40 %	—
	II. 30 % jew aktar iżda anqas minn 50 %	40 %	—
	III. 50 % jew aktar	40 %	—
	B. Oħrajn:		
	I. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu, u li fihom bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)		

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I	Kolonna II
		Rata ta' komponent fiss	Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	(a) Anqas minn 70 %	22 %	28 %
	(b) 70 % jew aktar	22 %	28 %
	II. Li fihom 5 % jew aktar iżda anqas minn 32 % bħala piż ta' sukrosju:		
	(a) Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	22 %	28 %
	(b) Li fihom 5 % jew aktar iżda anqas minn 30 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)		
	1. Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew li fihom anqas minn 1,5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet	22 %	28 %
	2. Oħrajn	22 %	28 %
	(ċ) Li fihom 30 % jew aktar iżda anqas minn 40 % bħala piż tassukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx xaħmijiet jew fihom anqas minn 1,5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet	22 %	28 %
	2. Oħrajn	22 %	28 %
	(d) Li fihom 40 % jew aktar iżda anqas minn 40 % bħala piż tas-sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx xaħmijiet jew fihom anqas minn 1,5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet	22 %	28 %
	2. Oħrajn	22 %	28 %
	III. Li fihom 32 % jew aktar iżda anqas minn 50 % bħala piż ta' lamtu		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew li fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew fihom anqas minn 1,5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet	22 %	28 %
	2. Oħrajn	22 %	28 %
	(b) Li fihom 5 % jew aktar iżda anqas 20 % bħala piż (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew fihom anqas minn 1,5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet	22 %	28 %
	2. Oħrajn	22 %	28 %

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I Rata ta' komponent fiss	Kolonna II Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	(ċ) Li fihom 20 % jew aktar bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew fihom anqas minn 1,5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet	22 %	28 %
	2. Oħrajn	22 %	28 %
	IV. Li fihom 50 % jew aktar iżda anqas minn 65 % bħala piż ta' lamtu:		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew fihom anqas minn 1,5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet	22 %	28 %
	2. Oħrajn	22 %	28 %
	(b) Li fihom 5 % jew aktar bħala piż tal-sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew fihom anqas minn 1,5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet	22 %	28 %
	2. Oħrajn	22 %	28 %
	V. Li fihom 65 % jew aktar bħala piż ta' lamtu		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	22 %	28 %
	(b) Oħrajn	22 %	28 %
21.02	Estratti, essenzi jew konċentrazzjonijiet tal-kafè, te jew matè u preparazzjonijiet bil-bażi ta' dawk l-estratti, essenzi jew konċentrazzjonijiet; ċikwejra inkaljata u sostituti nkalji oħrajn tal-kafè u estratti, essenzi u konċentrazzjonijiet minnhom:		
	Ċ. Ċikwejra inkaljata u sostituti inkaljati oħrajn tal-kafè:		
	II. Oħrajn	8 %	—
	D. Estratti, essenzi u konċentrazzjonijiet oħra ta' ċikwejra inkaljata u sostituti inkaljati oħrajn tal-kafè:		
	II. Oħrajn	33 %	—

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I	Kolonna II
		Rata ta' komponent fiss	Il-parti fissa ta' l-impost massimu
21.06	Ħmira naturali (attiva jew mhux attiva), baking powders ippreparati:		
	A. Ħmira naturali attiva:		
	II. Ħmira tal-furnar:		
	(a) Xotta	55 %	—
	(b) Oħra	51,5 %	—
21.07	Preparazzjonijiet ta' l-ikel mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor:		
	A. Ċereali f'forma ta' granelli jew f'forma ta' sbula, imsajjar minn qabel jew ippreparat mod ieħor:		
	I. Qamħirrun	12,4 %	—
	II. Ross	13 %	—
	III. Oħrajn	13 %	—
	B. Ravjul, imqarrun, spagetti u prodotti simili, mhux mimlija, imsajra; il-preparazzjoni msemmija, mimlija, kemm jekk imsajra jew le:		
	I. Mhux mimlija, imsajra:		
	(a) Xotti	12,6 %	—
	(b) Oħrajn	12,6 %	—
	II. Mimlija:		
	(a) Imsajra	13 %	—
	(b) Oħrajn	13 %	—
	Ċ. Ġelat (ma jinkludix it-trab tal-ġelat) u silġ ieħor:		
	I. Li ma fihx xaħmijiet tal-ħalib jew fih anqas minn 3 % bħala piż tat-tali xaħmijiet	13 %	—
	II. Li fih bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		
	(a) 3 % jew iżjed iżda anqas minn 7 %	13 %	—
	(b) 7 % jew aktar	13 %	—
	D. Jogurt ippreparat: ħalib preparat f'forma ta' trab, għall-użu ta' l-ikel għat-trabi jew għall-iskopijiet tad-dieta jew tat-tisjir:		
	I. Jogurt ippreparat		
	(a) f'forma ta' trab, li fih bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I Rata ta' komponent fiss	Kolonna II Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	1. Anqas minn 1,5 %	13 %	—
	2. 1,5 % jew aktar	13 %	—
	(b) Oħrajn, li fihom bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		
	1. Anqas minn 1,5 %	13 %	—
	2. 1,5 % jew aktar iżda anqas minn 4 %	13 %	—
	3. 4 % jew aktar	13 %	—
	II. Oħrajn, li fihom bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		
	(a) Anqas minn 1,5 % u li fihom bħala piż ta' proteini tal-ħalib (kontenut tan-nitroġenu x 6,38):		
	1. Anqas minn 40 %	13 %	—
	2. 40 % jew aktar iżda anqas minn 55 %	13 %	—
	3. 55 % jew aktar iżda anqas minn 70 %	13 %	—
	4. 70 % jew aktar	13 %	—
	(b) 1,5 % jew aktar	13 %	—
	E. *Fondues* tal-ġobon	13 %	—
	G. Oħrajn:		
	I. Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew li fihom anqas minn 1,5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet:		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew li fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	2. Li fihom bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) 5 % jew aktar iżda anqas minn 32 %	13 %	—
	(bb) 32 % jew aktar iżda anqas minn 45 %	13 %	—
	(ċċ) 45 % jew aktar	13 %	—
	(b) Li fihom 5 % jew aktar iżda anqas minn 15 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I Rata ta' komponent fiss	Kolonna II Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	2. Li fihom bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) 5 % jew aktar iżda anqas minn 32 %	13 %	—
	(bb) 32 % jew aktar iżda anqas minn 45 %	13 %	—
	(ċċ) 45 % jew aktar	13 %	—
	(ċ) Li fihom 15 % jew aktar iżda anqas minn 30 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Li fihom bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) 5 % jew aktar iżda anqas minn 32 %	13 %	—
	(bb) 32 % jew aktar iżda anqas minn 45 %	13 %	—
	(ċċ) 45 % jew aktar	13 %	—
	(d) Li fihom 30 % jew aktar iżda anqas minn 50 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Li fihom bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) 5 % jew aktar iżda anqas minn 32 %	13 %	—
	(bb) 32 % jew aktar	13 %	—
	(e) Li fihom 50 % jew aktar iżda anqas minn 85 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Oħrajn	13 %	—
	(f) Li fihom 85 % jew aktar bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):	13 %	—
	II. Li fihom 1,5 % jew aktar iżda anqas minn 6 % bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew li fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I Rata ta' komponent fiss	Kolonna II Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Li fihom bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) 5 % jew aktar iżda anqas minn 32 %	13 %	—
	(bb) 32 % jew aktar iżda anqas minn 45 %	13 %	—
	(ċċ) 45 % jew aktar	13 %	—
	(b) Li fihom 5 % jew aktar iżda anqas minn 15 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Li fihom bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) 5 % jew aktar iżda anqas minn 32 %	13 %	—
	(bb) 32 % jew aktar	13 %	—
	(ċ) Li fihom 15 % jew aktar iżda anqas minn 30 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Li fihom bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) 5 % jew aktar iżda anqas minn 32 %	13 %	—
	(bb) 32 % jew aktar	13 %	—
	(d) Li fihom 30 % jew aktar iżda anqas minn 50 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Oħrajn	13 %	—
	(e) Li fihom 50 % jew aktar bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	13 %	—
	III. Li fihom 6 % jew aktar iżda anqas minn 12 % bħal piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)		

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I	Kolonna II
		Rata ta' komponent fiss	Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Li fihom bħala piż ta' lamtu:		
	(aa) 5 % jew aktar iżda anqas minn 32 %	13 %	—
	(bb) 32 % jew aktar	13 %	—
	(b) Li fihom 5 % jew aktar iżda anqas minn 15 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Oħrajn	13 %	—
	(ċ) Li fihom 15 % jew aktar iżda anqas minn 30 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Oħrajn	13 %	—
	(d) Li fihom 30 % jew aktar iżda anqas minn 50 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Oħrajn	13 %	—
	(e) Li fihom 50 % jew aktar bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	13 %	—
	IV. Li fihom 12 % jew aktar iżda anqas minn 18 % bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Oħrajn	13 %	—
	(b) Li fihom 5 % jew aktar iżda anqas minn 15 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)		

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I Rata ta' komponent fiss	Kolonna II Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Oħrajn	13 %	—
	(ċ) Li fihom 15 % jew aktar bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	13 %	—
	V. Li fihom 18 % jew aktar iżda anqas minn 26 % bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Oħrajn	13 %	—
	(b) Li fihom 5 % jew aktar bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	13 %	—
	VI. Li fihom 26 % jew aktar iżda anqas minn 45 % bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Oħrajn	13 %	—
	(b) Li fihom 5 % jew aktar iżda anqas minn 25 % (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Oħrajn	13 %	—
	(ċ) Li fihom 25 % jew aktar bħala piż tal-sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):	13 %	—
	VII. Li fihom 45 % jew aktar iżda anqas minn 65 % bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I	Kolonna II
		Rata ta' komponent fiss	Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Oħrajn	13 %	—
	(b) Li fihom 5 % jew aktar bħala piż tal-sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju):		
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu	13 %	—
	2. Oħrajn	13 %	—
	VIII. Li fihom 65 % jew aktar iżda anqas minn 85 % bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		
	(a) Li ma fihomx sukrosju jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju (inkluż iz-zokkor invertit espress bħala sukrosju)	13 %	—
	(b) Oħrajn	13 %	—
	IX. Li fihom 85 % jew aktar bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib	13 %	—
22.02	Luminata, ilmijiet tan-nixxiegħa magħmula bit-togħma u ilmijiet iggassjati magħmula bit-tomgħa, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, ma jinkludix il-meraq tal-frott u tal-ħxejjex li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 20.07:		
	B. Oħrajn, li fihom bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:		
	I. Anqas minn 0,2 %	8 %	—
	II. 0,2 % jew aktar iżda anqas minn 2 %	8 %	—
	III. 2 % jew aktar	8 %	—
29.04	Alkoħoliċi aċikliċi u d-derivattivi aloġenizzati, sulfonizzati, nitrati jew nitrosizzati tagħhom:		
	Ċ. Alkoħol polidriku:		
	II. D-mannitol (mannitol)	12 %	—
	III. D-glukitol (sorbitol):		
	(a) F'soluzzjoni ta' l-ilma:		

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I Rata ta' komponent fiss	Kolonna II Il-parti fissa ta' l-impost massimu
	1. Li fiha 2 % jew anqas bħala piż ta' D-mannitol maħdum fuq il-kontenut ta' D-glukitol	12 %	—
	2. Oħrajn	12 % [b]	—
	(b) Oħrajn:		
	1. Li fihom 2 % jew anqas bħala piż ta' D-mannitol maħdum fuq il-kontenut ta' D-glukitol	12 %	—
	2. Oħrajn	12 % [a]	—
35.05	Destrini u l-kolla tad-destrini; lamtu maħlul jew inkaljat; kolla tal-lamtu:		
	A. Destrini, lamtu maħlul jew inkaljat	14 %	—
	B. Kolla magħmula minn destrini jew mil-lamtu, li fiha bħala piż ta' dawk il-materjali:		
	I. Anqas minn 25 %	20 %	30 %
	II. 25 % jew aktar iżda anqas minn 55 %	20 %	30 %
	III. 55 % jew aktar iżda anqas minn 80 %	20 %	30 %
	IV. 80 % jew aktar	20 %	30 %
38.12	Vernić ippreparat, għotja ppreparata u murdenti ippreparat, tat-tip użat fl-industriji tat-tessuti, tal-karti, tal-ġilda jew f'industriji simili:		
	A. Vernić ippreparat u għotja ppreparata		
	I. Bil-bażi ta' sostanzi amilaċeji, li fihom bħala piż ta' dawk is-sostanzi:		
	(a) Anqas minn 55 %	13 %	20 %
	(b) 55 % jew aktar iżda anqas minn 70 %	13 %	20 %
	(ċ) 70 % jew aktar iżda anqas minn 83 %	13 %	20 %
	(d) 83 % jew aktar	13 %	20 %

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Kolonna I	Kolonna II
		Rata ta' komponent fiss	Il-parti fissa ta' l-impost massimu
38.19	Prodotti kimiċi u l-preparazzjonijiet ta' l-industriji tal-kimika jew alleati (inklużi dawk li jikkonsistu mit-taħlitiet tal-prodotti naturali), mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor; prodotti residwi ta' l-industrija tal-kimika jew alleati, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor;		
	T. D-glukitol (sorbitol) apparti minn dak li jaqa' taħt is-subintestatura 29.04 C III:		
	I. F'soluzzjonijiet ta' l-ilma:		
	(a) Li fihom 2 % jew anqas bħala piż tad-D-mannitol, maħdum fuq il-kontenut tad-D-glukitol	12 %	—
	(b) Oħrajn	12 % [a]	—
	II. Oħrajn		
	(a) Li fihom 2 % jew anqas bħala piż tad-D-mannitol, maħdum fuq il-kontenut tad-D-glukitol	12 %	—
	(b) Oħrajn	12 % [a]	—

[a] Id-dazju sospiz ghal 19 % ghal perjodu indefinit a.
[b] Rata ta' dazju mnaqqsa ghal 9 % (sospiza) ghal perjodu indefinit.

ANNESS II

Dazju residwu fuq l-importazzjoni fir-Repubblika Ellenika mill-Komunità tad-Disgħa riferut fl-Artikolu 3

Tariffa Doganali Griega/ Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Dazju residwu
17.04	Konfezzjoni taz-zokkor, li ma jinkludix il-kawkaw:	
	A. Fondant	25 dr/kg
	B. *Dragee*	5.7 %
	Ċ. Karamella	10 dr/kg
	D. Lakumja	4.5 %
	E. ħalva	10 dr/kg
	F. *Chewing gum*	15.4 dr/kg
	G. Oħrajn	15.4 dr/kg
18.06	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħrajn ta' l-ikel:	
	A. Trab tal-kawkaw, li mhux magħmul ħelu għajr biż-żida tas-sukrosju	10 dr/kg
	B. Ġelat (li ma jinkludix it-trab tal-ġelat) u silġ ieħor	25 dr/kg
	Ċ. Ċikkulata u oġġetti taċ-ċikkulata, inklużi l-prodotti miksija biċ-ċikkulata; konfezzjoni taz-zokkor u sostituti tagħhom li jsiru mill-prodotti sostituti taz-zokkor li fihom il-kawkaw:	
	1. Ċikkulata, għajr iċ-ċikkulata tad-dijabetiċi, li jaqgħu taħt is-subdiviżjoni 2 t'hawn taħt	15 dr/kg
	2. Ċikkulata tad-dijabetiċi	9.6 %
	3. Oħrajn (fondanti, eċċ.)	25 dr/kg
	D. Oħrajn:	
	1. Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib jew fihom anqas minn 6.5 % bħala piż tat-tali xaħmijiet:	
	(a) Preparazzjonijiet tad-dqiq, lamtu jew estratt tax-xgħir, tat-tip użat bħala ikel għat-trabi jew għall-iskopijiet tad-dieta jew tat-tisjir, li fihom 50 % jew aktar bħala piż tal-kawkaw, kemm jekk fihom iz-zokkor jew le:	
	I. F'ippakkjar immedjat b'kapaċità netta ta' 500 gramma jew anqas	9.6 %
	II. Oħrajn	9.6 %

Tariffa Doganali Griega/ Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Dazju residwu
	(b) Kawkaw f'forom ta' ħobż jew f'forom ta' massa, magħmula ħelwin:	
	I. F'ippakkjar immedjat b'kapaċità netta ta' 500 gramma jew anqas	10 dr/kg
	II. Oħrajn	10 dr/kg
	(ċ) Oħrajn:	
	I. F'ippakkjar immedjat b'kapaċità netta ta' 500 gramma jew anqas	25 dr/kg
	II. Oħrajn	25 dr/kg
	2. Li fihom 6.5 % jew aktar bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:	
	(a) Preparazzjonijiet tad-dqiq, lamtu jew estratt tax-xgħir, tat-tip użat bħala ikel għat-trabi jew għall-iskopijiet tad-dieta jew tat-tisjir, li fihom 50 % jew aktar bħala piż tal-kawkaw, kemm jekk fihom iz-zokkor jew le:	
	I. F'ippakkjar immedjat b'kapaċità netta ta' 500 gramma jew anqas	9.6 %
	II. Oħrajn	9.6 %
	(b) Kawkaw f'forom ta' ħobż jew f'forma ta' masa, magħmula ħelwin:	
	I. F'ippakkjar immedjat b'kapaċità netta ta' 500 gramma jew anqas	10 dr/kg
	II. Oħrajn	10 dr/kg
	(ċ) Oħrajn:	
	I. F'ippakkjar immedjat b'kapaċità netta ta' 500 gramma jew anqas	25 dr/kg
	II. Oħrajn	25 dr/kg
19.02	Estratt tax-xgħir: preparazzjonijiet tad-dqiq, qalba tal-qamħ, lamtu jew estratt tax-xgħir, tat-tip użat bħala ikel għat-trabi jew għall-iskopijiet tad-dieta jew tat-tisjir, li fihom 50 % bħala piż tal-kawkaw	
	A. Estratt tax-xgħir	4.8 %
19.03	Mqarrun, spagetti u prodotti simili	2.1 dr/kg
19.05	Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew ix-xiwi taċ-ċereali jew il-prodotti taċ-ċereali (ross minfuħ, *corn flakes* u prodotti simili)	19.2 %
19.07	Ħobż, gallettini tal-vapuri u oġġetti ordinarji oħra tal-furnara, li ma fihomx zokkor, għasel, bajd, xaħmijiet, ġobon jew frott miżjuda; ostji tat-tqarbin, *cachets* tat-tip tajba għall-użu farmaċewtiku, ostji tas-siġillar, karti tar-ross u prodotti simili:	
	A. Ħobż iqarmeċ	7.3 dr/kg

Tariffa Doganali Griega/ Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Dazju residwu
	B. *Matzos*	7.3 dr/kg
	D. Oħrajn	7.3 dr/kg
19.08	Ħlewwiet, gallettini, pasti jew oġġetti oħrajn fini tal-furnara, kemm jekk fihom il-kawkaw jew le, fi kwalunkwe proporzjoni:	
	A. Ħobs tal-ġinġer u prodotti simili li fihom il-sukrosju jew iz-zokkor invertit	15.4 dr/kg
	B. Oħrajn:	
	1. Li ma fihomx lamtu jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' lamtu u li fihom il-sukrosju jew iz-zokkor invertit:	
	(a) Ħobż frisk ippreparat b'zokkor, għasel, bajd, sostanzi tax-xaħam, ġobon jew frott miżjud (li fihom waħda jew bosta jew dawk is-sostanzi kollha), kemm jekk fihom il-kawkaw jew le	19.2 %
	(b) Biskuttelli li fihom iz-zokkor:	
	I. Ma fihomx kawkaw	9 dr/kg
	II. Fihom il-kawkaw	11.5 dr/kg
	(ċ) Gallettini u taħlitiet u, in ġenerali, il-prodotti simili kollha tad-dqiq, ippreparati biz-zokkor, butir, bajd, sostanzi tax-xaħam jew frott (li fihom waħda jew bosta jew dawk is-sostanzi kollha), inklużi l-biskuttelli tas-suddiviżjoni (b) meta jkun fihom, barra miz-zokkor, xi waħda mis-sostanzi msemmija f'din is-subdiviżjoni:	
	I. Ma fihomx kawkaw	9 dr/kg
	II. Fihom il-kawkaw	11.5 dr/kg
	(d) Oħrajn (torti, xkuma, eċċ.)	15.4 dr/kg
	2. Li fihom 5 % jew aktar bħala piż tal-lamtu:	
	(a) Ħobż frisk ippreparat b'zokkor, għasel, bajd, sostanzi tax-xaħam, ġobon jew frott miżjud (li fihom waħda jew bosta jew dawk is-sostanzi kollha), kemm jekk fihom il-kawkaw jew le:	
	I. Li ma fihomx sukrosju jew zokkor invertit jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju jew zokkor invertit	19.2 %
	II. Oħrajn	19.2 %
	(b) Biskuttelli:	
	I. Li ma fihomx sukrosju jew zokkor invertit jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju jew zokkor invertit:	
	(aa) Ma fihomx kawkaw	9 dr/kg
	(bb) Fihom il-kawkaw	11.5 dr/kg
	II. Oħrajn:	
	(aa) Ma fihomx kawkaw	9 dr/kg
	(bb) Fihom il-kawkaw	11.5 dr/kg

Tariffa Doganali Griega/ Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Dazju residwu
	(ċ) Gallettini u taħlitiet u, in ġenerali, il-prodotti simili kollha tad-dqiq, ippreparati biz-zokkor, butir, bajd, sostanzi tax-xaħam jew frott (li fihom waħda jew bosta jew dawk is-sostanzi kollha), inklużi l-biskuttelli tas-subdiviżjoni (b) meta jkun fihom, apparti miz-zokkor, xi waħda mis-sostanzi msemmija f'din is-subdiviżjoni:	
	I. Li ma fihomx sukrosju jew zokkor invertit jew li fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju jew zokkor invertit:	
	(aa) Ma fihomx kawkaw	9 dr/kg
	(bb) Fihom il-kawkaw	11.5 dr/kg
	II. Oħrajn:	
	(aa) Ma fihomx kawkaw	9 dr/kg
	(bb) Fihom il-kawkaw	11.5 dr/kg
	(d) Oħrajn (torti, xkuma, eċċ.):	
	I. Li ma fihomx sukrosju jew zokkor invertit jew fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' sukrosju jew zokkor invertit	15.4 dr/kg
	II. Oħrajn	15.4 dr/kg
21.02	Estratti, essenzi jew konċentrazzjonijiet tal-kafè, tat-te jew tal-mate u preparazzjonijiet bil-bażi ta' dawk l-estratti, essenzi jew konċentrazzjonijiet; ċikwejra nkaljata u sostituti inkaljati oħrajn tal-kafè u estratti, essenzi u konċentrazzjonijiet minnhom:	
	A. Estratti, essenzi jew konċentrazzjonijiet tal-kafè u preparazzjonijiet bil-bażi ta' dawk l-estratti, essenzi jew konċentrazzjonijiet	19.2 %
	B. Estratti, essenzi jew konċentrazzjonijiet tat-tè jew tal-matè	76.8 dr/kg
	Ċ. Preparazzjonijiet bil-bażi ta' l-estratti, essenzi jew konċentrazzjonijiet tat-te jew tal-mate	19.2 %
	D. Ċikwejra inkaljata u sostituti inkaljati oħrajn tal-kafè	11.5 dr/kg
	E. Estratti, essenzi u konċentrazzjonijiet taċ-ċikwejra inkaljata u sostituti oħra inkaljati tal-kafè	14.3 %
21.06	Ħmira naturali (attiva jew mhux attiva); *baking powders* ippreparati:	
	A. Ħmira naturali attiva jew mhux attiva:	
	1. Ħmira mkabbra	3.2 %
	2. Oħrajn	
	(a) li fihom aktar minn 70 % ta' l-ilma,	8.2 %
	(b) li fihom 70 % ta' l-ilma jew anqas, mingħajr tnaqqis tat-tara ta' l-ippakkjar immedjat	17.3 dr/kg
	B. *Baking powders* ippreparati	16 %

Tariffa Doganali Griega/ Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Dazju residwu
22.02	Luminata, ilmijiet tan-nixxiegħa magħmula bit-togħma u ilmijiet iggassjati magħmula bit-tomgħa, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, ma jinkludix il-meraq tal-frott u tal-ħxejjex li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 20.07:	
	B. Oħrajn, li fihom bħala piż ta' xaħmijiet tal-ħalib:	
	I. Anqas minn 0.2 %	8.4 %
	II. 0.2 % jew aktar iżda anqas minn 2 %	8.4 %
	III. 2 % jew aktar	8.4 %
35.05	Destrini u l-kolla tad-dextrin; lamtu maħlul jew inkaljat; il-kolla tal-lamtu:	
	A. Destrini, lamtu maħlul jew inkaljat	6 %
	B. Kolla magħmula minn destrini jew mil-lamtu l-iktar stat avvanzat	10.4 %